MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2003

Il-Pulizija
(Sp Paul Bond)
vs
Emmanuele Facciol, iben Giuseppe,
imwieled Valletta fit-12 ta' marzu,
1940

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat –
1. talli fis-17 ta' lulju, 2002 u matul is-snin preċedenti bħala d-detentur tal-fond
bl-isem 'Dar ir-Risq', numru 7, Triq it-Trinċetta, Mosta b'diversi azzjonijiet magħmulin minnu, fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku u cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond;

2. talli b'mezzi qarrieqa, sabiex ikollu l-użu jew il-konsum elettriku, jew li bihom
seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata, ikkometta serq tal-kurrent elettriku li l-valur tieżu jeċċedi l-mitt liri maltin (Lm100) iżda anqas minn elf liri maltin (Lm1,000) liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tad-19 ta' diċembru, 2002 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' mejju, 2003 fejn rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta nforma l-Qorti li l-imputat ħallas dak kollu dovut u il-Korporazzjoni ma għandha ebda interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' mejju, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 326(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx rat ieħor fi żmien sena mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------